BORMLA
Città Cospicua

# Kunsill Lokali Bormla

## Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Dicembru 2014

Werrej


**L-Introduzzjoni tas-Sindku** 2

**Il-Kunsill** 3

**Il-Finanzi** 4

**Il-Ħidma tal-Kunsill** 7

**L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** 13

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Għaddew sentejn minn leġislatura ġdida tal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Il-ħidma tagħna ma waqfet xejn u minkejja li l-ilmenti ma jonqsux, il-Kunsill għadu u se jkompli miexi 'il quddiem bi progetti ta' tisbieħ u ambejntali, toroq u bankini, programmi edukattivi u kulturali. Il-ħidma tagħna se tibqa tiffoka fuq diversi oqsma sabiex nilħqu lil kulhadd u ntejbu l-ħajja tal-Bormlizi. Nieħdu gost bis-suġġerimenti u l-ilmenti tar-residenti tagħna għaliex jgħinuna naħdmu fejn hemm l-aktar bżonn. Il-publikazzjoni Beltna Bormla baqgħet tintlaqa tajjeb mill-Bormliżi u l-pubbliku inġenerali.

Ħdimna u se nibqgħu naħdmu id f'id mal-għaqdiet, pulizija tad-distrett, Arċipriet u diversi entitajiet. Sibna koperazzjoni kbira minn naħa tal-Gvern Ċentrali u qed nipparteċipaw f'diversi skemi, inizjattivi u proġetti li jista' jibbenefika minnhom il-Kunsill tagħna sabiex inkomplu mmexxu lil Bormla 'l quddiem u nagħmlu l-ħajja tar-residenti tagħna aħjar.

Is-Sindku u l-Kunsilliera jirringrazzjaw lill-istaff effiċenti u ħabbrieki tagħna kif ukoll lir-residenti li jinteressaw ruħhom sabiex jaraw lil Bormla aħjar.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Bormla jew kif inħi magħrufa, il-Belt Cospicua, għandħa popolazzjoni ta' madwar 5,800. Għalhekk, skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Bormla huwa kompost minn seba' Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn Assistent Uffijal Principali, Ufficjal Eżekuttiv u Skrivan. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali, jiġi ffaċilitat bil-ħidma tas-Sotto Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali. Ix-xogħol tas-Sotto Kumitati huwa li jiddiskutu u jressqu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali li mbagħad jiġu nklużi fil-pjan ta' ħidma tiegħu meta jkunu approvati fis-seduti.

### 2.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-sur Joseph Caruana | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat shih tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani. |
| Is-sur Brian Loffreda | Assistent Uffiċjal Prinċipali – Responsabbli mill-amministrazzjoni u relazzjoni mal-klijenti |
| Is-sinjura Ramona Falzon Gatt | Ufficjal Eżekuttiv – Responsabbli mill-book-keeping, relazzjonijiet mal-klijenti, cash office u xoghol ta' rutina fl-ufficcju |
| Is-sur Lydon Vella | Skrivan – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti u cash office |

## *3.0 Il-Finanzi*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2014 kienet ta': | € 415,016 |
| Dhul supplimentari minghand il-Gvern (allokazzjoni ghall-Wasteserv) | 9,456 |
| Dhul iehor mill-Gvern | 12,369 |
| **Dħul minn Bye-Laws ta' € 4,776** | 4,776 |
| Permessi | |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' € 5,244** | |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet (imħallsa) | € 722 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | (€ 969) |
| Kummissjonijiet | € 4,491 |
| Sponsorships | € 1,000 |
| **Interessi ta' € 482** | |
| L-Interessi mill-Bank laħqu s-somma ta' | € 482 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidħer taħt Dħul Ġenerali ta' € 11,453** | |
| Kontribuzzjonijiet | € 1,109 |
| Tender Documents | € 380 |
| Receivables – Dawl u Ilma (Grounds Peppi Delceppo) | (€ 214) |
| Grants | € 9,828 |
| Reklamar fil-Gurnal tal-Kunsill | € 350 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2014 kien ta'** | **€ 458,776** |

**L-INFIQ**

**Is-Salarji, Onorarja u allowances b'total ta'**

| | |
|---|---|
| | **€ 110,254** |

**Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' € 4,837**

| | |
|---|---|
| Toroq u bankini | € - |
| Patching | € 257 |
| *Office Furniture & Fittings* | € 696 |
| *Public Property* | € - |
| *Tabelli tat-Traffiku* | € 2,074 |
| *Tiswijiet oħra* | € 489 |
| Road Markings | € 1,321 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' € 219,629**

| | |
|---|---|
| Gbir ta' Skart | € 97,541 |
| Gbir ta' Bulky Refuse | € 9,693 |
| Kiri u Tbattil ta' Skips | € - |
| Tipping Fees | € 32,807 |
| Servizzi addizzjonali ta' tindif | € 435 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | € 34,080 |
| Tindif u Attendenza – Latrina Pubblika | € 1,504 |
| Tindif ta' l-Ufficcju | € 4,899 |
| *Tindif u Manutenzjoni ta' Soft Areas* | € 32,775 |
| Street Lighting | € 5,895 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra € 117,430**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etċ. | € 12,836 |
| Materjal | €3,044 |
| Materjal tat-Tindif | € 400 |
| Uniformijiet | € - |
| *Kera* | € 2,361 |
| *Partecipazzjoni f'Laqghat Nazzjonali* | € 1,196 |
| Printing | € 1,515 |
| *Stationery* | € 2,020 |
| Posta | € 260 |
| Spejjeż tal-Librerija | € - |
| Manutenzjoni ta' Vetturi | € 540 |
| *Fuel* | € 1,075 |
| Trasport | € - |
| Vjaggar | € 4,733 |
| E-Govt u Web Space | € 506 |
| Reklamar | € 772 |
| Publikazzjonijiet u Newsletters | € 4,165 |
| Insurance | € 1,157 |
| Bank Charges | € 265 |
| Librarian | € 3,580 |
| IT Development Services | € 1,870 |

| | |
|---|---|
| Town Planning | € 32 |
| *Servizz ta' Accountant* | € 4,180 |
| *Rimborsi lill-istaff* | €231 |
| *Subscriptions* | € 11 |
| *Social Events* | € - |
| *Ospitalita* | € 3,538 |
| *Spejjez Legali* | € 4,398 |
| *Jum il-Kunsill* | € 2,473 |
| *Spejjez kontrattwali* | € - |
| *Attivitajiet Kulturali* | € 14,341 |
| *Progetti ta' l-EU* | € - |
| *Donazzjonijiet* | € 1,731 |
| *Spejjez ancillari* | € 2,748 |
| *Asset Disposals* | € - |
| *Provizjoni ghal Dejn mhux rekuperabbli* | (€ 969) |
| *Amortisation – IT Development* | € 95 |
| *Deprezzament ta' Assi* | €42,326 |
| **Totali** | **€452,150** |

## *4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill*

### 4.1 LAQGHAT TAL-KUNSILL

Matul is-sena 2014, is-seba Kunsill Lokali iltaqa' sittax (16) il-darba. L-attendenza tal-Kunsilliera kienet kif gej:

| Isem | Attendenza | Skuzat | Assenti | Total |
|---|---|---|---|---|
| Alison Zerafa | 16 | - | - | 16 |
| Ivan Agius | 13 | 2 | 1 | 16 |
| Noyah Spiteri | 11 | 5 | - | 16 |
| Pablo Cachia Belli | 13 | 3 | - | 16 |
| James Cauchi | 12 | 4 | - | 16 |
| Alfred Attard | 14 | 2 | - | 16 |
| Roderick Mamo | 14 | 2 | - | 16 |

### 4.2 Responsabbilitajiet

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jinghata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jahdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' hidma tal-Kunsill ikun iffacilitat.

Ghal dan il-ghan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera kif mghotija mis-Sindku huma dawn:

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | Edukazzjoni, EU Affairs, Infrastruttura u PR. |
| Ivan Agius | Ordni Pubblika, Ħarsien tal-Ambjent u Immaniġġjar tat-Traffiku. |
| Noyah Spiteri | Investiment, Ħwienet u Kummerċ. |
| Pablo Cachia Belli | Sports, Turiżmu u Innovazzjoni |
| James Cauchi | Drittijiet tal-Annimali u Persuni b'Diżabbilita' |
| Alfred Attard | Saħħa u Anzjani |
| Roderick Mamo | Żgħazagħ, Kultura u Għaqdiet. |

## 4.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:




## 4.4 Rapport ta' Hidma fl-oqsma tal-Edukazzjoni, EU Affairs u Infrastruttura

**<u>EDUKAZZJONI:</u>**

- ✓ Flimkien mad-direttorat tal-Life Long Learning gew organizzati korsijiet bazici fil-Malti u Ingliz ghall-adulti.
- ✓ Korsijiet tal-Arti ssussidjati sa' 50% mill-Kunsill Lokali
- ✓ Korsijiet tal-kompjuters fis-sajf 2014 b'xejn.

**<u>INFRASTRUTTURA:</u>**

Fl-2013, Bormla inghatat spinta kbira l-quddiem f'dak li ghandu x'jaqsam mal-infrastruttura. Dan sar grazzi ghall-ghajnuna kbira li l-Kunsill Lokali sab mill-Gvern Centrali bl-intervent tal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura.

**Bacir Nru. 1**
F'Awissu 2014, gie inawgurat ufficjalment il-progett tal-Bacir Nru. 1. Progett li ta spinta kbira lill-investiment privat fil-lokalita.

**Toroq godda**
Matul is-sena 2014, inghata t-tarmac f'Kortina San Nikola. Din hija wahda mill-ftit toroq f'Bormla li qatt ma kienu inghataw tarmac.
Il-Kunsill baqa' jinsisti ma' Transport Malta biex jinghata t-tarmac ukoll f'Sur Santa Liena u Sur San Pawl.

**Triq il-Pellegrinagg**
Il-Kunsill Lokali ghamel diversi rappreżentazzjonijiet mal-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura biex bhala parti mill-progett tal-Bacir Nru. 1, isir xoghol ta' pavimentar u resurfacing ta' Triq il-Pellegrinagg. Din it-triq eventwalment giet 'resurfaced' filwaqt li saru bankini godda.

**Progetti ta' Tisbieh u Holqien ta' Aktar Spazji ta' Parkeggi**
Triq Alessandra: Matul l-2014, inbeda xoghol ta' tisbieh fi Triq Alessandra li permezz tieghu ser jinholqu 12-il post ta' parking godda.

Triq Rikkardu Taylor: Matul l-2014, inbeda wkoll progett ta' tisbieh fi Triq Rikkardu Taylor li jinkludi fost affarijiet ohra pavimentar biz-zonqor, holqien ta' postijiet ta' parking godda u bankijiet godda biex ikun hemm post fejn ir-residenti jistghu jirrikrejaw ruhhom.

**Bankina fi Triq Dr. Carmelo Mifsud Bonnici**
Bankina li kienet ilha snin mitluba, giet mibdula fl-2013.

**Sur San Pawl**
Inghata bidu ghal xoghol ta' tisbih fl-inhawi ta' Sur San Pawl. Post li thalla fi stat ta' abbandun kbir ghal snin shah qieghed jinghata 'face lift' mit-Taqsima tax-Xoghlijiet Pubblici. Ix-xoghol ghandu jigi konkluz fl-2015.

## 4.5 Rapport ta' Hidma dwar l-Ordni Pubblika, Harisen tal-Ambjent u Immaniggjar tat-Traffiku

**Ordni Pubblika**
Il-Kunsill Lokali matul l-2014 zamm laqghat regolari mal-Pulizija bil-ghan li jkun hemm aktar kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali u allura jkun hemm impenn akbar mill-Korp tal-Pulizija biex tigi nfurzata l-ligi. Il-Kunsill hadem bla heda biex il-percessjoni tar-residenti dwar il-Pulizija tinbidel ghall-ahjar u l-Pulizija tkun aktar fdata. Inhatar 'Liaison Officer' fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla biex iservi bhala punt ta' referenza ghall-Kunsilli Lokali u allura l-ilmenti jigu processati aktar malajr.

F'Ottubru 2014, inzammet laqgha ta' konsultazzjoni pubblika ghar-residenti kollha tal-Kottonera, gewwa l-Kazin tal-Banda San Gorg. Il-laqgha giet indirizzata mill-Onor. Dr. Emmanuel Mallia (dakinhar Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali) kif ukoll mill-Agent Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-2014, il-Kunsill installa sistema ta' CCTV f'Misrah il-Familja bil-ghan li gnien pubbliku gdid li gie inawgurat fl-2013, ikun issorveljat bl-ahjar mod possibli u jigu evitati abbuzi u atti vandali.

**Immaniggjar tat-Traffiku**
Il-Kunsill Lokali ha hsieb li jkun hemm pjan kif iz-zebgha tat-traffiku li tezisti fit-toroq kollha ta' Bormla tkun mantenuta b'mod regolari. Matul is-sena 2014, iz-zebgha tat-toroq giet friskata diversi drabi filwaqt li nbidlu diversi tabelli tat-traffiku.

**Harsien tal-Ambjent**
F'sitwazzjoni fejn il-Kunsill Lokali ftit jista' jaghmel differenza fil-lokalita minhabba nuqqas ta' fondi, ma jistax jonqos li l-Kunsill jiffoka ferm aktar fuq servizzi kontrattwali l-aktar dwar tat-tindif tat-toroq, gbir ta' skart u zamma u manutenzjoni ta' gonna pubblici.

Saret enfasi kbira fuq il-kuntratturi li jiprovdu dawn is-servizzi f'Bormla u r-riżultati li nkisbu f'dan ir-rigward huma nkoragganti hafna.

## 4.6 Rapport ta' Hidma dwar Drittijiet tal-Annimali u Persuni b'Dizabilita

Decizjoni biex il-Kunsill jippartecipa fil-kompetizzjoni 'A+ Accessibility Reward' fejn tressqu 4 proposti li permezz taghhom issir il-hajja aktar facli ghall-persuni b'dizabilita.

Saret 'Reserved Parking ghall-Persuni d'Dizabilita' fi Triq il-Pellegrinagg ghall-klijenti tal-HSBC.

## 4.7 Rapport ta' Hidma dwar is-Sahha u l-Anzjani

Ħidmet il-Kunsill f'dawn l-oqsma kienet wahda sfidanti.

Zammejna kuntatt kontinwu u haj mat-tmexxija tac-centru tas-sahha u kkoperajna kemm stajna flimkien biex il-klijenti tac-centru tas-sahha li hafna minnhom huma residenti Bormliżi jinghataw l-aqwa servizz.

Bl-istess mod zammejna relazzjonijiet tajba wkoll mat-tmexxija tad-Dar tal-Anzjani u c-Centru ta' Matul il-Jum fejn il-Kunsillier responsabbli minn dan id-dekasteru ghamel żjarat regolari lit-tmexxija tac-centru kif ukoll l-anzjani li jaghmlu użu minnu.

Fl-2014, gew organizzat zewg giti lejn Sqallija fejn l-attendenza fiz-zewg giti kienet wahda nkoragganti tant li giti simili qed ikunu pjanati wkoll ghall-2015.

Il-hidma tac-Chairperson ta' dan is-Sotto Kumitat madanakollu tisboq l-aktar fit-triq fejn ta' kuljum jiltaqa man-nies u jisma l-problemi taghhom li mhux necessarjament huma relatati biss mal-oqsma tas-Sahha u l-Anzjani. Nemnu illi meta tintemm din il-legislatura, ser ikun hemm bazi soda fuq xhiex finalment il-Kunsill jibda jigi rispettat u emmnut aktar.

**Relazzjonijiet Pubblici**

Matul l-2014, gew ippubblikati 4 hargiet tal-fuljett 'Beltna Bormla'. Ilkoll intlaqghu tajjeb hafna.

Nemnu hafna fl-importanza li l-Kunsill jisfrutta anke s-social media biex iwassal il-vuci tieghu. Ghaldaqstant, hadna hsieb li naggornaw regolarment il-pagna ufficjali tal-Kunsill Lokali ta' Bormla fuq Facebook.

## 4.8 Rapport ta' Hidma dwar Żgħażagh, Kultura u Ghaqdiet

Il-hidma tal-Kunsill f'dawn id-dekasteri kompliet billi l-Kunsill Lokali gharraba' darba rega' ghaqqad il-Kunsill ta' Zghazagh Bormliz fejn matul dawn ix-xhur, il-Kunsill ta' Zghazagh kien qieghed jahdem fuq il-progett tieghu bl-isem 'Espressjoni'. Finalment il-progett gie maghzul u ghalhekk inghatjna il-fondi biex inkunu nistghu inwettqu dan il-Progett li permezz tieghu ser inkunu qed nuru s-Socjeta Bormliża mil-lenti ta' artisti li bi tpingijiet taghhom se jfissru episodji varji tal-istorja ta' Bormla.

Fid-Novembru 2014, saret il-kommemmorazzjoni tal-Pellegrinagg tad-19 ta' Novembru, 1944, filwaqt li inghata wkoll l-unur ta' Gieh Bormla.

Il-Kunsill Lokali hadem biex l-attivitajiet tieghu jikbru u maghhom tikber ukoll il-konkorrenza. Ergajna dahhalna l-attivita' 'Christmas by the Dock' fejn minn sena ghall-ohra kibret sostanzjalment l-attendenza tant li l-Kunsill hass li ghandu jmur ghal attivita ohra f' Mejju. Bhala Kunsill b' dawn l-attivitajiet qed inheggu lill-ghaqdiet biex jahdmu id f'id mal-Kunsill Lokali biex nassiguraw li kull attivita li naghmlu tkun success. Hadna hsieb ukoll biex fi zmien il-festi tal-Milied, Bormla tizzejjen b'tizjin tal- Milied kif jixraq.

## *5.0 Statement of income and expenditure (Siltiet mill-Annual Audit Report)*

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2014 € | 2013 € |
|---|---|---|
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 446,669 | 459,691 |
| Income raised under Council Bye-Law | 4,776 | 2,610 |
| Income raised under Local Enforcement System | 5,244 | 2,931 |
| Investment Income | 482 | 394 |
| General Income | 1,625 | 17,672 |
| | **458,796** | **483,298** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 110,254 | 106,514 |
| Operations and maintenance | 224,466 | 237,510 |
| Administration and other Expenditure | 117,430 | 136,069 |
| | **452,150** | **480,093** |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **6,646** | **3,205** |

## *5.0 Statement of Affairs (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### Statement of Affairs

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 392,967 | 426,032 |
| Intangible assets | 192 | 287 |
| **Current Assets** | | |
| Trade and other receivables | 31,860 | 30,706 |
| Cash and bank balances | 73,762 | 50,185 |
| **Total Assets** | **498,781** | **507,210** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| Retained Earnings | 305,581 | 298,938 |
| Total Equity | 305,581 | 298,938 |
| **Non Current Liabilities** | | |
| Deferred income | 86,875 | 93,874 |
| **Current Liabilities** | | |
| Overdrawn Bank Balance | 10,353 | 193 |
| Payables | 95,972 | 114,205 |
| **Total Current Liabilities** | **106,325** | **114,398** |
| **Total Liabilities** | 193,200 | 208,272 |
| **Total Reserves and liabilities** | **498,781** | **507,210** |